

Brussell, 2 ta' Lulju 2026  
(OR. en)

11513/26

---

---

Fajl Interistituzzjonali:  
2025/0429 (COD)

---

---

VOTE 47  
INF 209  
PUBLIC 52  
CODEC 1389

**NOTA**

---

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Suġġett:	Riżultat tal-vot Pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari bil-ħsieb tal-adozzjoni ta' REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar deroga temporanja minn ċerti dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2002/58/KE fir- rigward tal-użu ta' teknoloġiji minn fornituri tas-servizzi tal- komunikazzjonijiet interpersonali indipendenti min-numri għall-ipproċessar ta' data personali u data oħra għall-iskop tal-ġlieda kontra l-abbuż sesswali tat-tfal online - Adozzjoni tal-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari u tad-dikjarazzjoni tar-raġunijiet tal-Kunsill - Eżitu tal-proċedura bil-miktub konkluża fit-2 ta' Lulju 2026

---

L-eżitu tal-vot dwar l-att leġislattiv imsemmi hawn fuq jinsab fl-Anness 1 ta' din in-nota.

Dokument ta' referenza:

11261/26+ADD1

data tad-deċiżjoni li tintuża l-Proċedura bil-Miktub mill-Coreper (Parti 2), 1 ta' Lulju 2026

Id-dikjarazzjonijiet u/jew l-ispedizzjonijiet tal-vot jinsabu fl-Anness 2 ta' din in-nota.



## General Secretariat of the Council

Institution: **Council of the European Union**  
 Session:  
 Configuration:  
 Item: **2025/0429 (COD)** (Document: **11261/26+ADD1**)  
 Voting Rule: **qualified majority**  
 Subject: Position of the Council at first reading with a view to the adoption of a REGULATION OF THE EUROPEAN PARLIAMENT AND OF THE COUNCIL on a temporary derogation from certain provisions of Directive 2002/58/EC as regards the use of technologies by providers of number-independent interpersonal communications services for the processing of personal and other data for the purpose of combating online child sexual abuse

Vote	Members	Population (%)
Yes	27	100%
No	0	0%
Abstain	0	0%
Not participating	0	
Total	27	

Sitting date: **02/07/2026**  
 Final result



Member State	Population (%)**	Vote	Member State	Population (%)**	Vote
BELGIQUE/BELGIË	2,63		LIETUVA	0,64	
БЪЛГАРИЯ	1,42		LUXEMBOURG	0,15	
ČESKO	2,42		MAGYARORSZÁG	2,11	
DANMARK	1,32		MALTA	0,13	
DEUTSCHLAND	18,47		NEDERLAND	4,02	
EESTI	0,30		ÖSTERREICH	2,03	
ÉIRE/IRELAND	1,20		POLSKA	8,29	
ΕΛΛΑΔΑ	2,30		PORTUGAL	2,38	
ESPAÑA	10,86		ROMÂNIA	4,21	
FRANCE	15,18		SLOVENIJA	0,47	
HRVATSKA	0,86		SLOVENSKO	1,21	
ITALIA	13,19		SUOMI/FINLAND	1,24	
ΚΥΠΡΟΣ	0,22		SVERIGE	2,34	
LATVIJA	0,41				

\* When acting on a proposal from the Commission or the High Representative, qualified majority is reached if at least 55 % of members vote in favour (15 MS) accounting for at least 65% of the population

\*\* Indicative percentage of the population of the Union (%). The qualified majority is calculated in accordance with the population figures adapted each year.

For information: <http://www.consilium.europa.eu/public-vote>

**Dikjarazzjoni mill-Italja**

L-Italja tirriaferma bil-qawwa l-impenn sod tagħha li tiġġieled fenomenu ta' gravità estrema bħall-abbuż sesswali online u l-isfruttament tat-tfal. Wara l-istedina mill-President tal-Parlament Ewropew, Roberta Metsola, biex jintlaħaq ftehim fit-tieni qari dwar l-hekk imsejjaħ Regolament interim, l-Italja biħsiebha twieġeb fi spirtu kostruttiv, prammatiku u kooperattiv.

Għalhekk, sabiex tiġi żgurata l-kontinwità meħtieġa tal-azzjoni ta' infurzar u bi tweġiba għas-sejħa mill-President tal-Parlament Ewropew, l-Italja tesprimi l-vot tagħha favur l-adozzjoni ta' qafas regolatorju li jirreplika d-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) 2021/1232, għal tul ta' żmien li nittamaw li jippermetti l-adozzjoni u d-dħul fis-seħħ ta' reġim permanenti.

Madankollu, filwaqt li toffri dan il-ftuħ, l-Italja tqis li huwa essenzjali li tfakkar fit-tfassib serju u r-riżervi diġà espressi fid-dikjarazzjoni nazzjonali mehmuża mal-minuti tal-laqgħa tal-Coreper tat-28 ta' Jannar 2026.

Dawn ir-riżervi jikkonċernaw aspetti sostantivi speċifiċi u kruċjali, li jeħtieġu riflessjoni fil-fond fil-ħidma ulterjuri fuq ir-Regolament CSAM fit-tul:

- **Setgħat ta' skennjar fdati lil entitajiet privati:** L-Italja ttenni l-oppożizzjoni qawwija tagħha għall-adozzjoni ta' qafas regolatorju li, fil-prattika, jawtorizza lill-fornituri tas-servizzi — entitajiet privati, fil-biċċa l-kbira mhux Ewropej — iwettqu attivitajiet ta' skennjar u detezzjoni tal-massa;
- **Kriterji ta' proporzjonalità:** sabiex jiġi evitat li l-attivitajiet ta' detezzjoni mill-fornituri tas-servizzi jirriżultaw f'monitoraġġ ġeneralizzat, tali attivitajiet għandhom ikunu soġġetti għal proporzjonalità stretta. Barra minn hekk, sabiex jiġi salvagwardat il-bilanċ delikat bejn il-ħtiġijiet leġittimi tal-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi u r-rispett għad-drittijiet fundamentali, tali attivitajiet għandhom ikunu limitati esklużivament għal materjal CSAM magħruf;
- **Sorveljanza ġudizzjarja u istituzzjonali:** L-Italja ttenni l-ħtieġa li jiġu pprovduti salvagwardji istituzzjonali adegwati u mekkaniżmi ta' kontroll effettivi fuq l-attivitajiet ta' detezzjoni minn partijiet terzi indipendenti (awtoritajiet ġudizzjarji jew amministrattivi). Tali salvagwardji huma essenzjali biex jiproteġu d-drittijiet tal-utenti;

- **Kriptaġġ minn tarf sa tarf:** L-Italja tibqa' konvinta mill-ħtieġa imperattiva li jiġi eskluż b'mod espliċitu mill-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament futur, kif ukoll mill-attivitajiet kollha ta' detezzjoni, kontenut protett minn kriptaġġ minn tarf sa tarf, sabiex jiġu salvagwardati ċ-ċibersigurtà u l-kunfidenzjalità tal-komunikazzjonijiet.

Fl-aħħar nett, l-Italja ttenni li r-replika temporanja tar-reġim interim trid titqies bħala miżura eċċezzjonali. Il-vot favorevoli attwali ma jippreġudikax il-pożizzjoni tal-Italja dwar il-kwistjonijiet imsemmija hawn fuq fin-negozjati dwar ir-reġim fit-tul, li ser ikompli jkun iggwidat mill-ħtieġa li jiġi żgurat ir-rispett sħiħ għad-drittijiet fundamentali u l-protezzjoni tad-data personali.

---